# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 21 ta' Lulju, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 1188/13/1 JPG**

**Jean Pierre Abdilla**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija u appell inċidentali mressaq mill-attur appellat minn sentenza tas-26 ta' Ġunju, 2017 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi għall-ħelsien mill-ordni ta' konfiska skond l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) limitatament (i)

għall-fond bl-isem '*Sunny Side*', fi Triq Hompesch, iż-Żurrieq; (ii) għall-garaxx fi Triq it-Tin, iż-Żurrieq; (iii) għall-vettura tal-għamla *Peugeot 206* bin-numru tar-reġistrazzjoni JPR 041; (iv) għall-polza tal-assikurazzjoni tal-ħajja ma' HSBC Bank Malta p.l.c. u (v) għall-polza tal-assikurazzjoni tal-ħajja mal-Bank of Valletta p.l.c.;

2. Fl-att li bih fetaħ il-kawża, l-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat") qal li b'sentenza tat-3 ta Diċembru, 2009, il-Qorti Kriminali sabitu ħati ta' numru ta' akkużi kriminali li tressqu kontrih, u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' flejjes u ġid ieħor li tagħhom huwa s-sid. Tenna li l-Qorti tal-Appell Kriminali ħelsitu minn xi akkużi u kkonfermat l-istess sentenza għall-bqija tagħha. Tenna wkoll li l-ġid li huwa jsemmi f'din il-kawża kisbu b'mod leġittimu u għaldaqstant ma kellux jinqabad bl-ordni ta' konfiska u talab li l-ġid imsemmi jinħeles mill-effetti ta' dak l-ordni (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Ordni");

3. Illi l-Kummissarju tal-Pulizija laqa' għat-talbiet attriċi billi qal li kien jaqa' fuq l-appellat li juri bi provi tajbin biżżejjed dak li kien qed jallega, u li, f'kull każ, ma kellux ibati spejjeż għal din l-azzjoni;

4. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*Ikkunsidrat*

*Fir-rigward tal-oneru tal-prova f'din it-tip ta' azzjoni, kif gie ritenut fis-sentenza* **Nazzareno Abela vs Kummissarju tal-Pulizija** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Ottubru 2005:*

> ***"jaqa' fuq il-persuna li titlob it-tnehhjja tal-ordni tal-konfiska li tressaq il-provi taghha fi grad bizzejjed biex titwemmen li l-gid li trid li jinheles mill-konfiska, ma kienx miksub minn flejjes jew qliegh marbutin minn profitt jew dhul minn ghemil ta' reat. Ladarba l-procediment gie mahsub mil-legisiatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza civili u ladarba l-ligi nnfisha tghid li dwar kull procediment bhal dan japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, huwa naturali ghalhekk li wiehed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wiehed li joqghod ghall-procediment ta' natura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali."***

*Fuq l-istess materja, fis-sentenza fl-ismijiet* **Elton Brincat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Gunju 2011 intqal illi:*

> *"[i]l-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap. 101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn si tratta tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.*
>
> *Jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-gid li jkun milqut b'dik id-decizjoni ma jibqax izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni nnfisha meta din issir gudikat (Art. 22D) u dik id-decizjoni favorevoli titqies bhala trasferiment tat-titolu ta' dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent [Art.22C(8)] kif preskritt. Il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li bis-sahha tieghu jsir is-sekwestru jidher li johloq presunzjoni ("Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" op. cit.) li l-gid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attività kriminali tal-persuna li tkun. Dan ighodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet hatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, ghalhekk* ***il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien.****"*

*Gie spjegat ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet* **Anthony Seychell vs Kummissarju tal-Pulizija** *deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fl-1 ta' Lulju 2014 illi sabiex jikseb ir-rilaxx tal-proprjeta in kwistjoni, ir-rikorrenti irid jipprova illi:*

> *"…**<u>l-provenjenza taghhom hija kollha kemm hi lecita</u>**. In oltre, kif qalet din il-Qorti fil-kawza Bajada et v. L-Avukat Generali et. deciza fit-28 ta' Marzu, 2014, "**il-prova trid tkun wahda cara u konkludenti, anke jekk il-grad ta' perswazjoni huwa biss fuq bazi ta' probabbilita**`" (ara wkoll Abela v. Kummissarju tal-Pulizija, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru, 2005)."*

*Huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin illi, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ambrose Zammit vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' April 2013;*

> *"…il-kliem tal-ligi ma jkoprix biss il-provenjenza illecita tal-flus izda jinkludi 1-gid: "profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (Kap.101) ... lanqas proprjeta akkwistata jew miksuba direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk*
> *(vide Artikolu 22C(1) tal-Kap.101 )*
>
> *Il-fatt li l-attur Ambrose Zammit kien irnexxxilu iwarrab parti sostanzjali mill-paga tieghu u jiddepozitha il-bank ghaliex kien qed jghix fuq il-gid illi ghamel bhala traffikant tad-droga, ifisser illi huwa ma kienx, bhal cittadini ohra kollha ta' dan il-pajjiz, qed jonfoq il-paga tieghu fuq il-htigijiet normali tal-hajja. Ghalhekk f'dan is-sens ghamel profit."*

*Ghalhekk din il-Qorti ghandha l-kompitu li tistabilixxi jekk il-proprjeta li taghha r-rikorrenti qed jitlob ir-rilaxx, giet akkwistata jew miksuba direttament, jew indirettament permezz tar-reati li taghhom instab hati.*

***<u>1. Id-dar bl-indirizz Sunny Side, Triq Hompesch, Zurrieq.</u>***

*Jirrizulta illi din id-dar kienet inxtrat mir-rikorrent flimkien ma' martu, li dak iz-zmien kienet ghada l-gharusa tieghu, u dan permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Jannar 1999 ghal prezz ta' Lm19,000[1]. Din il-proprieta thallset permezz ta' depositu ta' sitt elef lira (Lm6,000) fuq il-kuntratt, u l-bilanc rimanenti thallas billi ttiehdet loan minghand il-Bank of Valletta ghas-somma ta' Lm17,500 permezz tal-istess kuntratt.*

*Mix-xhieda ta' Joseph Caruana, rapprezentant tal-Bank of Valletta jirrizulta illi **din il-loan thallset kompletament u ghalhekk il-kont relevanti inghalaq <u>fil-15 ta' Gunju 2001</u>**, u dan ukoll kif jirrizulta mir-rendikont ezebit a fol 204. Mill-provi jirrizulta, u mhux kontestat illi dak iz-zmien ir-rikorent kien impjegat mal-korp tal-pulizija, u anke martu kienet impjegata fuq bazi full time, u ghalhekk kellhom introjtu fiss. Dan oltre l-fatt illi din **il-loan giet saldata ferm qabel il-perjodu ghar-rigward ta' liema r-rikorrent instab hati li kkommetta r-reati taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.***

[1] *Vide* kuntratt ezebita fol 8 et seq u xhieda tan-Nutar Mario Bugeja a fol 58A *et seq*

*Ghalhekk il-Qorti hija moralment konvinta illi din il-proprjeta ma nxtratx bi flus provenjenti mir-reati li taghhom ir-rikorrent instab hati, u filfatt rat illi l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kien tal-fehma illi din il-proprjeta ghandha tigi rilaxxata, u konsegwentement ghandha tigi rilaxxata.*

***2. Il-garaxx fi Triq it-Tin, Zurrieq.***

*Mill-atti jirrizulta illi dan il-garaxx inxtara mir-rikorrent u martu permezz ta' kuntratt datat **30 ta' Jannar 2003**, ezebit a fol 18 et seq **ghal prezz ta' Lm4,000**. Mill-istess att jirrizulta li s-somma **shiha ta' Lm4,000 thallset fuq il-kuntratt stess**.*

*Ghalhekk, peress illi ma tressqet l-ebda prova li titfa' xi dubbju fuq il-fatt illi r-rikorrent u martu hallsu ghal dan il-garaxx fit-30 ta' Jannar 2003, u cioe **circa sena u nofs qabel iz-zmien li ghalih instab hati** tar-reat addebitati lilu ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis illi jinsab provat illi dan il-garaxx ma giex akkwistat bi flus provenjenti mir-reati li taghhom instab hati, **tant illi l-intimat stess jaqbel mar-rilaxx ta' din il-proprjeta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, u konsegwentement ghandu jigi rlaxxat**.*

***3. Il-vettura Peugot 206 bin-numru tar-registrazzjoni JPR 041.***

*Jirrizulta mid-dokument ezebit a fol 6 et seq illi r-rikorrent u martu akkwistaw din il-vettura minghand Michael Attard Ltd fil-5 ta' Lulju 2003 ghal prezz ta' Lm5,510. Minn din is-somma ir-rikorrent u martu hallsu Lm500 fuq l-iskrittura ta' komprovendita, u ai termini tal-istess skrittura Lm3,510 mal-konsenja, u **sussegwentement permezz ta' hlasijiet mensili ta' Lm125 ghal perjodu ta' sena**.*

*L-intimat argumenta fin-nota tieghu illi r-rikorrent waqt li kien qed jiddeponi, afferma dak suggerit lilu li d-dejn fuq din l-karozza gie saldat fl-2005 u ghalhekk ma jistghax ikun hemm certezza rigward il-provenjenza lecita tal-fondi li ntuzaw biex thallset din il-vettura. Fil-verita pero', il-pagamenti mensili ta' Lm125 iwasslu sabiex is-somma ta' Lm1,500 **tigi mhallsa fi zmien sena**, u filfatt hemm kondizzjoni fil-kuntratt ta' komprovendita li l-bilanc kellu jithallas fi zmien sena. Mill-atti ma jirrizultax illi r-rikorrent kien lura bil-pagamenti, u m'hemm xejn fl-atti li jwassal il-Qorti biex tikkonkludi illi r-rikorrent kien waqa' lura fil-pagamenti tant illi dam sal-2005 biex gie saldat l-ammont dovut.*

*Minn dan isegwi illi l-bilanc rimanenti fuq din il-vettura gie saldat **circa f'Ottubru tas-sena 2004**, u ghalhekk **barra mill-perjodu relevanti**. Ghalhekk il-Qorti tqis illi din il-vettura ghandha tigi rilaxxata.*

***4. Il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni DBO 756.***

*Ir-rikorrent xehed illi huwa xtara dan il-mutur fl-2008 ghal prezz ta' €930 minghand certu Simon Zammit. Sabiex jikkorobora dan, ir-rikorrent ezebixxa ricevuta li tinsab ezebita a fol 22 u a fol 105. Il-Qorti tinnota*

*pero illi din ir-ricevuta m'hijiex datata, u li lanqas ma gie prodott Zammit sabiex jikkonferma meta sar il-hlas minghand ir-rikorrent. Mill-kopja tal-logbook prezentat mir-rikorrent, jidher illi r-registrazzjoni tal-mutur kienet daret fuq ismu fl-2008.*

*Jirrizulta illi r-rikorrent ma baqax jahdem mal-korp tal-pulizija fl-2005 meta saru l-allegazzjonijiet kontrih in kwistjoni, u ghalhekk l-introjtu tieghu minn dan ix-xoghol waqaf. Ir-rikorrent xehed illi hu imbaghad kien sab xoghol ma' kuntratturi u kien jahdem fuq proprjetajiet, izda dan m'hu sorrett bl-ebda dokumentazzjoni li turi x'tip ta' salarju kellu. Ir-rendikont tal-bank juri illi kienu qed isiru depoziti regolari permezz ta' cekkijiet pero il-provenjenza ta' dawn il-flus ma tirrizultax mill-atti. Ghalhekk galadarba m'hemmx provenjenza cara tal-flus li kienu dehlin fil-kont bankarju tar-rikorrent, il-Qorti tqis illi ma giex sufficjentement provat illi l-mutur msemmi inxtara bi flus li ghandhom provenjenza lecita,* ***u konsegwentement m'ghandux jigi rilaxxat.***

***5. Il-polza ta' assikurazzjoni Mid-Med Life Insurance***

*Mill-atti jirrizulta illi r-rikorrent kien hareg polza ta' assikurazzjoni life Insurance ma' Mid-Mid Bank f'Jannar 1999 li kellha timmatura f'Jannar 2024, b'pagamenti mensili ta' €48.92. L-intimat argumenta illi ghalhekk ma jistghax jigi eskluz illi l-pagamenti ta' din il-polza effettwati mill-perjodu kopert mill-polza kienu gew effettwati minn profitt li r-rikorrent ghamel mill-kommissjoni tar-reati li taghhom instab hati.*

*Il-Qorti pero ma taqbilx ma' dan l-argument. Fil-perjodu relevanti, u cioe bejn it-3 ta'* ***April 2005 sat-3 ta' Mejju 2005*** *ir-rikorrent kellu impjieg regolari mal-Korp tal-Pulizija, ghalhekk b'introjtu regolari u legittimu. Il-pagamenti li kellhom isiru ghal din il-polza ta' assikurazzjoni ma kienux ammonti kbar u ghalhekk il-Qorti m'ghandiex dubbju illi r-rikorrent setgha facilment ihallas dan il-pagamenti mill-paga tieghu bhal ma kien jaghmel kull xahar, tant illi mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-bank stess irrizultat illi l-provenjenza legittima ta' dan il-pagament. Ghalhekk il-Qorti tqis illi anke din il-parti tat-talba tar-rikorrent timmerita li tigi milqugha.*

***6. Il-polza ta' assikurazzjoni mal-Bank of Valletta***

*Mill-provi jirrizulta wkoll illi r-rikorrent kien hareg polza ta' assikurazzjoni tal-hajja fit-30 ta' Lulju 2001 u saret ghal perodu ta' 30 sena, b'pagament annwu ta' €587 li kien jithallas permezz ta' standing order. Mix-xhieda tar-rapprezenanti bankarji jirrizulta illi dan il-pagamenti* ***annwu kien jithallas fi Frar ta' kull sena.***

*Fir-rigward ta' din il-polza, l-intimat isostni illi l-Qorti m'ghandhiex tordna r-rilaxx taghha ghaliex ir-rikorrent ma semmihiex specifikatament fir-rikors promotur tieghu. Illi pero l-Qorti taghraf illi fit-talba tieghu ir-rikorrent talab lil Qorti sabiex "...****tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-proprjeta' kollha tieghu****,* ***kemm mobbli kif ukoll immobbli***

> *maghmula fis-sentenza tad-19 ta' Settembru tas-sena 2013 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Jean Pierre Abdilla." Barra minn hekk, ghalkemm huwa minnu illi din il-polza ma ssemmietx fil-premessi b'mod specifiku, ir-rikorrent kien ipremmetta li permezz ta' din l-azzjoni, kien qieghed jipprova "...jottjeni* ***dikjarazzjoni li l-proprjeta kollha tieghu kemm mobbli kif ukoll dik immobbli*** *hekk konfiskata mhix profitt jew dhul mill-ghemil ta' xi reat..." Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-argument tal-intimat huwa nfondat, galadarba kemm fil-premessi, kif ukoll fit-talba, jirrizulta li r-rikorrent kien qieghed jitlob ghar-rilaxx tal-proprjeta kollha tieghu li giet maqbuda.*
>
> *Il-Qorti hija tal-fehma illi galadarba il-pagament* ***kien isir fi Frar ta' kull sena****, il-pagament ghas-sena 2005 kien lahaq gie effetwat* ***qabel*** *il-perjodu in kwistjoni. Ghalhekk il-Qorti tqis illi hemm provi sufficjenti sabiex tordna r-rilaxx ta' din il-polza ta' assikurazzjoni*";

5. Illi l-Kummissarju tal-Pulizija (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") ħassu aggravat mill-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq fit-13 ta' Lulju, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat ir-rilaxx tal-polza ta' assikurazzjoni tal-ħajja mal-Bank of Valletta, issib minflok li l-imsemmija polza m'għandhiex tiġi rilaxxata, u tikkonfermaha fil-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

6. Illi permezz ta' Tweġiba tas-7 ta' Awwissu, 2017, l-appellat laqa' għall-appell billi jgħid li t-talba tiegħu kienet biex jinħeles il-ġid kollu msemmi mill-effetti tal-Ordni, magħduda l-polza tal-assikurazzjoni msemmija;

7. Illi l-appellat inqeda bl-imsemmija Tweġiba u ressaq appell inċidentali li bih, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti fejn laqgħet *in parte* t-talba tal-esponent dan billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat ir-rilaxx tal-fond bl-isem '*Sunny Side*', Triq Hompesch, iż-Żurrieq; tal-garaxx fi Triq it-Tin, Żurrieq; tal-vettura tal-għamla *Peugeot 206* bin-numru tar-reġistrazzjoni JPR 041; tal-Polza ta' assikurazzjoni tal-ħajja mal-bank HSBC; u l-Polza ta' assikurazzjoni tal-ħajja mal-Bank of Valletta; tirriformaha fil-parti tar-rilaxx tal-fond li jinstab ġewwa '*Sunny Side*', Triq Hompesch, iż-Żurrieq u dan billi jkun hemm ir-rilaxx tal-fond konsistenti f'*maisonette*, kamra u garaxx; tordna r-rilaxx tal-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni DBO 756 u tilqa' għal kollox it-talbiet tiegħu; (2) tirriformaha billi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet il-provenjenza leċita fir-rigward tal-proprjetajiet '*Sunny Side*', Triq Hompesch, iż-Żurrieq; il-garaxx fi Triq it-Tin, Żurrieq; il-vettura tal-għamla *Peugeot 206* bin-numru tar-reġistrazzjoni JPR 041; il-Polza ta' assikurazzjoni tal-ħajja mal-bank HSBC; u l-Polza ta' assikurazzjoni tal-ħajja mal-Bank of Valletta, tħassar u tirrevoka dik il-parti fejn l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat fir-rigward tal-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni DBO 756; u (3) tirriformaha billi tikkonferma dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-intimat iħallas $^{5}/_{6}$ tal-ispejjeż filwaqt li tħassar u tirrevoka dik il-parti fejn ordnat lill-appellat iħallas $^{1}/_{6}$ tal-ispejjeż, b'hekk

tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimat u tordna lill-istess intimat iħallas l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi;

8. Illi permezz ta' Tweġiba tas-16 ta' Awwissu, 2017, l-appellant laqa' għall-appell inċidentali tal-appellat billi qal li din il-Qorti jmissha tiċħdu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

10. Rat li waqt is-smigħ tal-1 ta' Ġunju, 2021[2], l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx xi jżidu mal-atti u qablu li l-Qorti tħalli l-appelli tagħhom għas-sentenza;

11. Rat li dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

12. Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi[3] (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Ordinanza" jew "il-Liġi"), li taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22Ċ(1) tagħha jista' jintalab li ġid ta' persuna misjuba ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza, ma jibqax iżjed hekk milqut bil-konfiska magħmula, jekk din turi li dak il-ġid ma jkunx profitt jew

[2] Paġ. 491 tal-proċess
[3] Ord. XXXI tal-1939 kif emendata (Kap 101)

dħul minn għemil ta' reat jew ma jkunx miksub, direttament jew indirettament, permezz ta' xi qligħ jew dħul bħal dak. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi għar-rigward tal-fond bl-isem '*Sunny Side*', li jinsab fi Triq Hompesch, iż-Żurrieq; tal-garaxx fi Triq it-Tin, Żurrieq; tal-vettura tal-għamla *Peugeot 206* bin-numru tar-reġistrazzjoni JPR 041; tal-Polza ta' assikurazzjoni tal-ħajja mal-bank HSBC, u tal-Polza ta' assikurazzjoni tal-ħajja mal-Bank of Valletta;

13. Illi minn dik is-sentenza tressqu kemm appell prinċipali kif ukoll appell inċidentali;

14. Illi fl-**appell prinċipali** tiegħu l-Kummissarju appellant qajjem **aggravju wieħed**, dak li l-ewwel Qorti ordnat ir-rilaxx tal-polza ta' assikurazzjoni tal-ħajja mal-Bank of Valletta intestata fuq isem l-appellat, minkejja li l-appellat ma ressaqx talba dwarha fir-rikors promotur, lanqas ressaq dokumenti jew identifika xhieda li jistgħu jixhdu dwarha;

15. Illi l-appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li l-appellant mhux qed jikkontesta l-fatt li l-provenjenza tal-flus investiti fil-polza huma illeċiti, iżda għaliex hu naqas li jsemmi espressament din il-polza fir-Rikors Maħluf u dan minkejja li huwa talab lill-ewwel Qorti tħassar l-effetti tal-Ordni fir-rigward tal-ġid tiegħu kollu, kemm mobbli kif ukoll immobbli. Biex isaħħaħ dan l-argument, l-appellat jiċċita każijiet oħrajn b'sentenzi

fejn il-Qorti ordnat ir-rilaxx ta' ġid minkejja li dan ma kienx imsemmi speċifikatament fl-att li bih tkun inbdiet proċedura bħal din;

16. Illi jidher li l-aggravju tal-appellant jinbena fuq tifsira dejqa u formalistika li, skontu, għandha tingħata lill-Artikolu 22Ċ tal-Ordinanza. Fi kliemu, ladarba l-polza tal-assikurazzjoni mal-Bank of Valletta ma ssemmietx espressament fir-Rikors Maħluf li bih l-appellat fetaħ il-kawża, kif ukoll ladarba l-appellat naqas li jidentifika x-xhieda li setgħu jixhdu dwarha, din il-polza ma setgħetx titqies mill-ewwel Qorti fost il-ġid li dwaru saret it-talba jekk tħassarx jew le l-effetti tal-Ordni minn fuq il-ġid imsemmi. L-appellat, min-naħa l-oħra, jargumenta favur interpretazzjoni aktar wiesa' ta' dak l-artikolu u jgħid li dawn il-Qrati huma favur interpretazzjoni wiesa'. Jgħid ukoll li, wara kollox, it-talba tiegħu kienet għall-ħelsien ta' ġidu kollu mill-effetti tal-Ordni;

17. Illi jibda biex jerġa' jingħad li din il-proċedura speċjali tgħodd għal ordni magħmul taħt l-Artikolu 22(3A)(d) tal-Ordinanza. Din id-dispożizzjoni tal-liġi titkellem dwar konfiska ta' flejjes u ġid, kemm mobbli kif ukoll immobbli, tal-persuna misjuba ħatja, kemm jekk dak il-ġid jinsab f'Malta kemm jekk barra minn Malta, ukoll jekk sal-waqt tas-sejbien tal-ħtija, tali ġid immobbli jkun għadda f'idejn terza persuna. Il-proċedura taħt l-Artikolu 22Ċ(1) hija waħda li tagħmel eċċezzjoni, fis-sens li tgħodd meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza minn Qorti

kompetenti, u għalhekk, ladarba tmur kontra x-xejra tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-istess liġi dwar il-konfiska tal-ġid ta' persuna li tikser l-Ordinanza, għandha tingħata tifsira f'termini stretti u mhux usa' minn dak li ried il-leġislatur[4];

18. Illi jaqa' fuq il-persuna li titlob it-tneħħija tal-Ordni li tressaq il-provi tagħha fi grad tajjeb biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ miruta minn għemil ta' reat. Ladarba l-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[5], huwa naturali għalhekk li wieħed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili w mhux dak rigoruż tal-proċediment penali;

19. Illi, madankollu, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll il-qafas legali li fih isir is-sekwestru tal-ġid ta' persuna mixlija jew misjuba ħatja ta' reat taħt l-Ordinanza. Dan jingħad minħabba li l-liġi speċjali nnifisha li taħtha jsir sekwestru bħal dak jidher li toħloq il-preżunzjoni li l-ġid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attivita` kriminali tal-persuna li tkun. Dan jgħodd aktar jekk il-persuna tkun

---

[4] App. Ċiv. **7.8.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Nazzarene Muscat v. Kummissarju tal-Pulizija*** §§ 14 – 5

[5] Art. 22Ċ(7) tal-Kap 101

fil-fatt instabet ħatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. Fid-dawl ta' dan il-kuntest, il-Qorti hija tal-fehma li l-piż tal-prova li dak il-ġid inkiseb b'mezzi leġittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn sempliċi dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu għejjun jew riżorsi oħra ta' għajxien;

20. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha jirriżulta li l-appellat, filwaqt li talab it-tħassir tal-effetti tal-Ordni dwar il-ġid kollu tiegħu, fil-premessi naqas li jsemmi l-polza ta' assikurazzjoni tal-ħajja li huwa ħareġ mal-Bank of Valletta p.l.c. Minkejja dan in-nuqqas, l-ewwel Qorti ħadet qies tagħha għaliex issemmiet hi u qiegħda tinstema' il-kawża u, wara li għamlet l-eċċertamenti dwar il-ħlasijiet li saru biex inħarġet u nżammet fis-seħħ, ordnat ir-rilaxx tagħha wkoll mill-effetti tal-Ordni;

21. Illi fis-sewwa, l-appellat ressaq talba ġenerali għar-rilaxx ta' ġidu kollu milqut bl-Ordni u kien biss f'uħud mill-premessi tar-rikors promotur imressaq minnu li semma partikolarment il-vettura tal-għamla *Peugeot 206*, il-mutur reġistrat DBO-756, il-*maisonette* bl-isem "*Sunny Side*" fi Triq Hompesch, fiż-Żurrieq, il-garaxx fi Triq it-Tin, fiż-Żurrieq u l-polza ta' assikurazzjoni maħruġa minn Mid-Med Life Assurance. Ma semma l-ebda ġid ieħor f'dak l-att, u d-dokumenti mehmuża jirreferu biss għall-ġid li jissemma f'dak l-att. Il-polza tal-assikurazzjoni mertu ta' dan l-aggravju ssemmiet l-ewwel darba waqt is-smigħ tat-13 ta' Ottubru, 2014[6], waqt li

[6] Ara paġġ. 137A – 137B tal-proċess

kien qiegħed jixhed rappreżentant tal-Bank dwar depożiti li l-appellat u martu kellhom miegħu. Xhieda u dokumentazzjoni dwar dik il-polza tressqu waqt is-smigħ tas-16 ta' April, 2015[7]. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[8] l-appellat jiġbor it-talba tiegħu dwar iż-żewġ poloz flimkien, u l-appellant saħaq li fil-każ tal-polza ta' assikurazzjoni maħruġa mill-Bank of Valletta (dik li tirrigwarda l-aggravju) l-ewwel Qorti ma kellhiex teħlisha mill-effetti tal-Ordni[9]. L-ewwel Qorti qieset kemm il-pretensjoni tal-appellat u kif ukoll l-oġġezzjoni tal-appellant dwar it-talba tar-rilaxx tal-polza u, għar-raġunijiet li tat, qablet mat-talba tal-appellat u ordnat li dik il-polza wkoll tinħeles mill-effetti tal-Ordni;

22. Illi ladarba dan l-aggravju tal-appellant jintrabat biss mal-kwestjoni li l-polza ma ssemmiet imkien fir-rikors li bih l-appellat fetaħ din il-kawża, din il-Qorti mhijiex sejra tidħol fi kwestjonijiet oħra li jistgħu jolqtu s-siwi tat-talba jew il-provenjenza tal-fondi li biha dik il-polza setgħet inżammet fis-seħħ sa ma jasal il-waqt li timmatura (f'Lulju tal-2031). Fil-qafas tal-osservazzjonijiet li saru aktar qabel[10] u taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq. Fl-ewwel lok, sentenza ta' qorti hija determinata mit-talbiet li l-parti attriċi tkun għamlet fl-att promotur u mhux minn dak li jista' jingħad fil-premessi tal-istess att. It-talba li ressaq l-appellat kienet waħda ġenerika li tirreferi għall-ġid

[7] Dokti "RG" sa "RG8" u x-xhieda ta' Renzo Gonzi f'paġġ. 219A sa 228 tal-proċess
[8] Paġġ. 276 – 7 tal-proċess
[9] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 283 tal-proċess
[10] §§ 17 – 9 *supra*

tiegħu kollu, u għalhekk ma eskludiet l-ebda ġid tal-appellat milqut mill-Ordni. Fit-tieni lok, fl-ebda parti tal-Artikolu 22Ċ tal-Ordinanza ma jingħad li t-tismija tal-ġid li l-parti rikorrenti trid li jinħeles minn Ordni ta' konfiska trid issir bilfors fl-att promotur innifsu[11]: kemm hu hekk, il-liġi tgħid li dak it-tagħrif għandu jkun mehmuż mal-att promotur[12]. F'dan il-każ, l-ewwel Qorti ħalliet li l-appellat iressaq provi kif titlob il-liġi hekk kif il-polza ssemmiet l-ewwel darba. Hawnhekk, il-Qorti tqis li l-għoti mill-ewwel Qorti tal-fakulta` lill-appellat li jinkludi l-polza fost il-ġid li ried li jinħeles mill-effetti tal-Ordni, u li jitħalla jressaq il-provi u x-xhieda dwarha, taqa' fis-setgħat mogħtija lil dik il-Qorti li tirregola l-mixi 'l quddiem tal-kawża fil-mod li jidhrilha xieraq u mhux bi ksur tal-liġi proċedurali. Fit-tielet lok, l-appellant ma jistax jistrieħ u jqabbel dan il-każ fuq dak li kienet qalet din il-Qorti (diversament komposta)[13] f'każ li wkoll jirrigwarda t-tismija ta' ġid partikolari f'azzjoni taħt l-Artikolu 22Ċ tal-Ordinanza, għaliex f'dak il-każ ir-rikorrent kien eskluda dak il-ġid mil-lista li dwarha talab ir-rilaxx, filwaqt li f'dan il-każ tallum, għall-kuntrarju, l-appellat ma eskluda fl-ebda waqt il-polza fost minn fost il-ġid li jrid li jinħeles mill-effetti tal-Ordni u ressaq provi u xhieda biex isaħħaħ it-talba tiegħu li l-ewwel Qorti sabithom tajba u fil-grad mistenni mil-liġi;

---

[11] Billi din l-azzjoni nbdiet qabel daħal fis-seħħ l-Att tal-2021 dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (Att V tal-2021), id-dispożizzjonijiet tal-art. 22Ċ tal-Kap 101 għadhom jgħoddu – ara artt. 5(2) u 65 tal-Kap 621

[12] Art. 22Ċ(3) tal-Kap 101

[13] App. Ċiv. **7.8.2013** fil-kawża ***Nazarene Muscat v. Kummissarju tal-Pulizija*** fuq imsemmija

23. Illi għalhekk l-aggravju kif imressaq mill-Kummissarju mhuwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa';

24. Illi l-Qorti issa se tqis **l-appell inċidentali** tal-appellat, li jikkonsisti fi tliet aggravji. L-ewwel wieħed hu li l-ewwel Qorti naqset li tiċċara li l-fond '*Sunny Side*' fi Triq Hompesch, fiż-Żurrieq, kien jgħodd fih remissa ('*garage*') u għalhekk kienet naqset milli tilqa' b'mod ċar it-talba tiegħu dwar dak il-ġid immobbli. It-tieni aggravju jirrigwarda ċ-ċaħda tal-ħelsien tal-mutur mill-effetti tal-Ordni. Filwaqt li t-tielet aggravju jirrigwarda l-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-kap tal-ispejjeż;

25. Illi dwar l-**ewwel aggravju** l-appellat jgħid li kien ressaq provi ċari u tajbin biżżejjed biex juru li l-fond taż-Żurrieq kien magħmul minn *maisonette*, kamra u remissa li tagħmel parti mill-istess fond. Minkejja dawk il-provi u l-mod leġittimu li bih hu u martu kienu ħallsu biex kisbuh, l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tiegħu u ordnat li jinħeles il-fond kollu bla ma semmiet għal rashom il-*maisonette*, il-kamra u r-remissa;

26. Illi għal dan l-aggravju, l-appellant jilqa' billi jgħid li fil-premessi tar-rikors li bih fetaħ din il-kawża l-appellat jirreferi għal dan il-ġid bħala "il-maisonette bl-isem '*Sunny Side*', sitwat fuq Triq Hompesch, Żurrieq". L-ewwel Qorti għaldaqstant kienet fis-sewwa meta laqgħet it-talba għar-rilaxx ta' dan il-ġid u rreferiet għalih bl-istess mod li ġie deskritt mill-

appellat innifsu fl-istess att. Żied jgħid li, fiċ-ċirkustanzi, jekk deherlu li l-ewwel Qorti naqset li tispeċifika minn xiex kien magħmul dak il-fond, l-appellat messu nqeda b'rimedju ieħor li tagħti l-liġi[14], iżda mhux b'appell;

27. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex imsejjes fuq in-nuqqas mill-ewwel Qorti li taqta' dwar xi talba partikolari li tkun saret ("*omissa decisio*"), iżda dwar nuqqas ta' kjarifika ta' x'kien jikkonsisti l-ġid li nħeles skond it-talba tal-appellat. Il-Qorti tgħid li kien l-appellat innifsu li nduċa lill-ewwel Qorti biex taqta' dik it-talba kif qatgħetha, għaliex sa mill-att li bih fetaħ din il-kawża, dejjem sejjaħ dak il-fond bħala ħaġa waħda bla ma fisser minn kemm-il ambjent kien magħmul. Ma hemm l-ebda dubju wkoll li meta l-appellat u għarustu (dak iż-żmien) kisbu l-fond, dak il-ġid tfisser b'mod ċar fil-kuntratt li bih kisbuh[15] u fuq liema kuntratt l-ewwel Qorti għamlet l-evalwazzjonijiet relattivi tagħha qabel laqgħet it-talba tiegħu;

28. Illi l-Qorti hija tal-fehma li la f'moħħ l-ewwel Qorti u lanqas f'moħħ l-appellant ma kien hemm dubju liema ġid kien milqut bit-talba tal-appellat. Sa ma ngħatat is-sentenza appellata, jidher li l-appellant kien qagħad fuq il-provi mressqa mill-appellat dwar il-provenjenza u t-titolu tal-imsemmi fond u ma jidhirx li, f'xi waqt tul is-smigħ tal-kawża quddiem dik il-Qorti, nqala' xi dubju jekk it-talba kinitx tirreferi għall-imkejjen kollha tal-

[14] Isemmi l-Art. 235 tal-Kap 12
[15] Ara Dok 'B', f'paġġ. 12 – 3 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tan-Nutar Mario Buġeja f'paġ. 58a tal-proċess

fond jew jekk hux dwar xi bnadi minnhom biss. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, aktar jidher li l-appellat seta' inqeda bir-rimedju mogħti lilu mill-Artikolu 825 tal-Kapitolu 12 jekk deherlu li l-ewwel Qorti ma kinitx ċara biżżejjed fil-kliem użat fis-sentenza appellata. Dak l-artikolu jagħti rimedju ta' tiswija ta' żewġ għamliet ta' nuqqasijiet: tiswijiet ta' żbalji ta' kalkolu u tiswijiet ta' żbalji jew tibdil ta' espressjonijiet użati b'mod mhux ċar;

29. Illi huwa minnu li l-liġi trid li wieħed jinqeda bit-tieni għamla ta' rimedju fi żmien qasir minn dakinhar li tkun ingħatat is-sentenza[16]. Iżda din il-Qorti tagħraf li dan ma għandux ikun ta' xkiel għas-siwi ta' appell fuq din ir-raġuni. Kemm hu hekk, f'sentenza li ngħatat dwar dan m'ilux[17], ingħad li: "*Għalkemm huwa minnu, li s-soċjeta` attriċi appellanti setgħet tagħmel użu minn dan ir-rimedju pprovdut taħt l-Artikolu 825(2) hawn fuq ċitat, dan in-nuqqas fih innifsu mhux wieħed fatali għall-appell in eżami. Fil-każ ta' dan l-artikolu, l-liġi ma tivvjetax lil din il-Qorti milli tikkoreġi żball per se, kuntrarjament għal dak maħsub fl-artikolu 235 tal-Kap. 12, li jipprovdi speċifikatament li ma jistax jitressaq appell minn 'omissa decisio' meta l-ewwel Qorti tkun naqset milli tiddeċiedi xi talba*";

30. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ssib li dan l-aggravju tal-appellat jixraqlu jintlaqa' limitatament sa fejn jolqot id-deskrizzjoni tal-fond u għal finijiet ta' kjarifika, b'dan illi f'kull każ l-appellat

[16] Art. 825(2) tal-Kap 12

[17] App. Ċiv. **29.3.2019** fil-kawża fl-ismjiet ***Carmlu Ltd v. Joseph Cachia***

għandu jerfa' l-ispejjeż marbuta ma' dan l-aggravju, ladarba kien minħabba fih stess li seħħ tali nuqqas u minħabba li kellu rimedju ieħor disponibbli għalih li ma nqediex bih bla ma kellu għalfejn jirrikorri għall-formalita` tal-appell;

31. Illi dwar it-**tieni aggravju** marbut mar-rilaxx tal-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni DBO 756 l-appellat jikkontesta l-apprezzament li l-ewwel Qorti għamlet għall-provi li tressqu quddiemha. Huwa jidhirlu li kien ressaq provi tajbin u biżżejjed biex l-ewwel Qorti setgħet issib li l-imsemmi *fourwheeler* inkiseb b'fondi li ma kinux ġejjin minn reat. Huwa jisħaq li, fiż-żmien li kiseb il-mutur, kellu dħul dikjarat u legali aktar minn biżżejjed biex seta' xtrah;

32. Illi l-appellant jilqa' għal dan l-aggravju u jgħid li l-ewwel Qorti wettqet eżerċizzju xieraq u sewwa tal-apprezzament tal-provi mressqa mill-appellat innifsu u waslet għall-fehma t-tajba;

33. Illi ngħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[18], għalkemm għandha kull setgħa li tfisser il-fatti mod ieħor minn kif tkun

[18] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma***

fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu wkoll li fejn tidħol il-kredibilita` ta' xhieda li l-ewwel Qorti tkun semgħet hija nnifisha, qorti ta' reviżjoni m'hijiex sejra faċilment taqbel dak l-apprezzament tal-ewwel qorti meta tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' tifsir tal-fatti li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravita` tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos minn dmirha jekk tfarfar mir-responsabilita` tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti[19];

34. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis it-tieni aggravju tal-appellat. Minn eżami tal-atti, lill-Qorti jirriżultalha li l-ewwel Qorti filwaqt li ħadet qies ta' irċevuta ppreżentata mill-appellat li turi l-akkwist tiegħu, ma aċċettathiex bħala prova billi l-irċevuta ma ġġibx data[20]. Dik il-Qorti qieset ukoll li l-appellat naqas itella' b'xhud lil sid il-mutur mingħand min xtrah. F'dan ir-rigward din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-aġir tal-ewwel Qorti billi hija tal-fehma li l-appellat naqas li jressaq l-aħjar prova li kienet mistennija minnu f'din is-sura ta' azzjoni. L-argumenti mressqa mill-appellat f'dan l-aggravju tiegħu kien diġa`

[19] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

[20] Dok. "E" f'paġ. 22 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Jean Pierre Abdilla f'paġ. 99d tal-proċess

ressaq bosta minnhom fis-sottomissjonijiet tiegħu qabel ma ngħatat is-sentenza appellata;

35. Illi għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, dan l-aggravju mhux mistħoqq u mhux ser jintlaqa';

36. Illi **fit-tielet aggravju**, l-appellat jilmenta mill-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-kap tal-ispejjeż. Huwa jgħid li jekk l-ewwel Qorti għabbietu bil-ħlas ta' sest ($^{1}/_{6}$) tal-ispejjeż minħabba li ma laqgħetx it-talba tiegħu għar-rilaxx tal-mutur, ladarba qiegħed jappella minn dik il-parti tas-sentenza appellata, din il-Qorti jmissha teħilsu mill-ħlas ta' kull spejjeż tal-kawża;

37. Illi l-appellant iwarrab dan l-aggravju u jgħid li l-ewwel Qorti mxiet b'mod ġust u ladarba t-talbiet tal-appellat ma ntlaqgħux kollha, kienet ħaġa f'lokha li taqsam il-kap tal-ispejjeż;

38. Illi l-Qorti tqis li l-liġi nnifisha taħseb għall-każ fejn qorti tista' torbot lil xi parti f'kawża bil-ħlas tal-ispejjeż[21]. F'każ bħal dan, il-kap tal-ispejjeż għandu jieħu qies tat-talbiet attriċi u tal-konklużjonijiet li l-qorti waslet għalihom biex tilqa' jew tiċħad tali talbiet għal kollox jew f'biċċa minnhom;

[21] Art. 223(3) tal-Kap 12

39. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha joħroġ ċar li mhux it-talbiet kollha li l-appellat ressaq fil-kawża intlaqgħu. Kemm hu hekk, it-talba marbuta mar-rilaxx tal-mutur ma ntlaqgħetx. Kien għalhekk li l-ewwel Qorti ordnat li sest mill-ispejjeż jitħallsu mill-appellat. Il-Qorti ftit għandha x'iżżid, aktar u aktar wara li ċaħdet it-tieni aggravju tal-appell inċidentali. Għaldaqstant, l-appellat ma jistax jippretendi li l-appellant iġorr ukoll din il-parti tal-ispejjeż;

40. Illi għalhekk dan l-aggravju tal-appellat m'għandux mis-sewwa u mhux ser jintlaqa';

***Deċide:***

41. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell ewlieni** tal-appellant Kummissarju tal-Pulizja;

**Tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali** tal-appellat Jean Pierre Abdilla billi tiċċara li, safejn jirrigwarda l-ħelsien tal-fond bl-isem ta' "*Sunny Side*" fi Triq Hompesch fiż-Żurrieq, dak il-fond jinkludi l-ġid kollu li jissemma fil-kuntratt tal-akkwist tas-sittax (16) ta' Jannar, elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999), iżda **tiċħad il-bqija tal-appell inċidentali**; u għalhekk, qiegħda tikkonferma, salv l-imsemmija kjarifika, is-sentenza

mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi, flimkien mal-kap tal-ispejjeż; u

**Tordna** li kull parti tħallas **l-ispejjeż** tagħha f'din l-istanza.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr